MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2012

Rikors Numru. 319/2011

**A B**
**vs**
**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettiet :

1. Illi il-partijiet izzewgu fit-22 ta' Mejju 2004 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt tifal li ghadhom minuri D u E ahwa B;

2. Illi il-partijiet ilhom defacto separati ghal iktar minn erba snin meta l-intimat telaq mid-dar mentri sseparaw legalment fis-sena 2011;

4. Illi m`hemm ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn erba snin ma jghixu flimkien, illum ghandhom hajja

totalment separata minn xulxin u kull parti ghandha rabtiet b'familja ohra;

5. Illi skond l-kuntratt hawn fuq citat l-intimat hu obbligat li jhallas is-somma ta` Eur 120 fix-xahar ghal kull wild liema manteniment ghandu joghla skond l-indici tal-gholi tal-hajja u liema manteniment jinqata dirattament mis-salarju tal-intimat; illi sa minn mindu isseparaw legalment ma kienx hemm problem sabiex l-intimat ihallas dan l-manteniment u qatt ma kien inadempjenti fl-obbligu tieghu;

6. Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66b tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta` Malta;

Talbet li l-intimat ighid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registu Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-digriet taghha tal-4 ta' Novembru, 2011;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti

Rat ix-xiehda li taw il-partijiet permezz tal-procedura tal-affidavit;

Rat ukoll ix-xiehda kollha l-ohra li giet prodotta il-provi illi gew esebiti u l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mix-xiehda illi taw il-partijiet illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erbgha (4) snin. Irrizulta

wkoll mill-provi illi ma hemm l-ebda problema dwar hlas ta' manteniment u rat ukoll illi irrizulta mill-provi prodotti illi ma jezisti l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

Il-Qorti rat illi ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex iz-zwieg jigi mahlul gew sodisfatti;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez ikunu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------